**27 ta' Novembru, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

It-Tabib Prinċipali tal-Gvern

*versus*

David Rizzo

**Dipartiment tal-Gvern – Rappreżentanza tal-Gvern – Illeġittimità tal-Persuna f'Kawża**

*L-eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna li tidher jew tkun konvenuta fl-isem jew fl-interess ta' ħaddieħor ma tistax tingħata kontra l-prokuratur jew l-ekonomu ta' l-Isqof Djoċesan ta' Malta jew ta' l-Isqof t'Għawdex, jew kontra kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor.*

*Kull ma jagħmel il-Gvern li jirrigwarda s-servizz tas-saħħa, dan jagħmlu permezz tad-dipartiment tas-saħħa li tiegħu l-attur, u ċjoè it-Tabib Prinċipali tal-Gvern huwa l-kap.*

*M'hemmx dubbju li l-farmaċija bħala formanti parti mix-xjenza medika hija ta' pertinenza tad-Dipartiment tas-Saħħa u li għalhekk id-Dipartiment tas-Saħħa huwa d-Dipartiment li waqt li dejjem naturalment qed jaġixxi għall-Gvern, għandu interess u huwa l-iżjed edott mill-fatti u għalhekk l-iżjed idoneju biex jaġixxi f'isem il-Gvern ta' Malta fuq il-mertu tal-kawża.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-2 ta' Marzu 1989 li biha

ppremetta illi fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Jannar 1987 l-attur ippubblika sejħa għall-applikazzjonijiet għal dħul fil-kors ta' taħriġ għal Tekniċi tal-Farmaċija;

Illi skond il-paragrafu 3(d) ta' l-istess sejħa għall-applikazzjonijiet il-kandidati kellu "jkollhom iċ-ċertifikat ta' l-*Oxford* f'livell Ordinarju jew il-*London General Certificate of Education* jew iċ-ċertifikat tal-Matrikola ta' Malta li juru *'passes'* f'lingwa waħda, suġġett wieħed tax-Xjenza jew matematika u suġġett ieħor jew kwalifiki ekwivalenti";

Illi l-konvenut applika biex jidħol fl-imsemmi kors u bbaża l-applikazzjoni tiegħu, *inter alia* fuq ċertifikat li kien juri li huwa kellu l-livell rikjest (Grad 'C') fil-konoxxenza ta' l-Ingliż (kopja Dok. B);

Illi mingħajr l-imsemmi ċertifikat l-applikazzjoni tal-konvenut għad-dħul fil-kors in kwistjoni ma kenitx tkun tista' tiġi kkunsidrata stante li kien ikun jidher li l-konvenut ma kellux il-kwalifiki rikjesti fis-sejħa għall-applikazzjonijiet;

Illi in segwitu għall-applikazzjoni tiegħu l-konvenut intgħażel biex jagħmel il-kors ta' taħriġ għal tekniċi tal-Farmaċija u l-attur għalhekk, permezz ta' kuntratt pubbliku tat-23 ta' Marzu 1987 fl-atti tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern Dottor Franco Pellegrini, intrabat li jħallas lill-konvenut is-somma ta' elf ħames mija u disgħa u tmenin lira (Lm1589) għall-perijodu kollu tal-kors fuq imsemmi, liema somma kellha sservi għax-xiri ta' kotba u għal spejjeż personali;

Illi apparti l-ħlas tal-flus hawn fuq imsemmija l-attur kien ukoll iħallas lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali l-

kontributzzjonijiet tas-Sigurtà Nazzjonali għall-benefiċċju tal-konvenut u kien ukoll iħallas il-'*bonus*' annwali lill-konvenut, u dan minħabba l-attendenza tal-konvenut fil-kors in kwistjoni u l-iffirmar tiegħu tal-kuntratt imsemmi;

Illi fil-fatt il-konvenut attenda l-kors in kwistjoni għall-perijodu ta' bejn il-25 ta' Marzu 1987 u l-31 ta' Jannar 1988 f'liema żmien l-attur laħaq għamel pagamenti lill-konvenut u lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għall-benefiċċju tal-konvenut ammontanti b'kollox għal seba' mija u erbgħa u għoxrin lira Maltija ħamsa u għoxrin ċenteżmu u żewġ milleżmi (Lm724.25,2);

Illi waqt li l-konvenut kien qiegħed jattendi l-imsemmi kors irriżulta lill-attur li fil-kors ta' nkjesta li kienet saret *ai termini* ta' l-Att Nru XIX ta' l-1977 dwar l-inkjesti kien instab li ċ-ċertifikat *ta' kwalifika fl-Ingliż prodott flimkien ma'* l-applikazzjoni tal-konvenut kien fil-fatt wieħed falz u illi l-konvenut la kellu l-kwalifika rikjesta fl-Ingliż u lanqas kellu l-kwalifiki meħtieġa biex ikun fil-kors ta' taħriġ għal Tekniċi tal-Farmaċija u b'hekk *ma setax jasal biex jottjeni l-liċenzja ta'* tekniku tal-Farmaċija *ai termini* ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 31 dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhomm x'jaqsmu magħha;

Illi sussegwentement l-attur kiteb lill-konvenut u għarrfu b'dan il-fatt, u l-konvenut ma ġab ebda prova biex iwaqqa' r-riżultanzi ta' l-inkjesta in kwistjoni, u ma tħalliex ikompli l-kors;

Illi l-aġir tal-konvenut kien wieħed doluż u frawdolenti li jagħti lok għan-nullità tal-kuntratt pubbliku hawn fuq imsemmi li sar bejn il-partijiet fit-23 ta' Marzu 1987 u għall-obbligu tal-

konvenut li jirrifondi lill-attur il-flus kollha mħallsa lilu jew lil terzi *abbażi ta'*, jew minħabba l-imsemmi kuntratt flimkien ma' l-ispejjeż ta' l-istess kuntratt li ħallashom l-attur, u li ammontaw għal erbatax-il lira Maltija u sittin ċenteżmu (Lm14.60,0) u dan *stante li huwa ċar li mingħajr l-inganni magħmulin mill-konvenut* l-attur ma kienx jikkuntratta;

Illi meta nterpellat kemm bonarjament kif ukoll uffiċjalment biex jirrifondi l-flus in kwistjoni l-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li dina l-Qorti:

(1) tiddijara li l-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Franco Pellegrini magħmul bejn l-attur u l-konvenut fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) huwa null u mingħajr *effett stante* li l-kunsens ta' l-attur fuq dak il-kuntratt ingħata minħabba għemil doluż u frawdolenti u nganni da parti tal-konvenut li mingħajrhom l-attur ma kienx jikkuntratta;

(2) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli biex iħallas lill-attur il-flus kollha li l-attur ħallas lill-konvenut u lil terzi persuni *in forza ta'* jew minħabba l-kuntratt hawn fuq imsemmi;

(3) tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u tmienja u tletin lira Maltija ħamsa u tmenin ċenteżmu u żewġ milleżmi (Lm738.85,2) jew somma oħra verjuri li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża u dovuta għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Ġunju

1988 u bl-imgħax legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur u d-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fis-6 ta' April, 1989 li biha l-konvenut eċċepixxa:

(1) Preliminarjament in-nullità tan-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni stante li l-istess att m'huwiex datat u lanqas ma huwa ffirmat mill-Imħallef sedenti;

(2) Illi, mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, l-attur odjern m'huwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża stante li l-kuntratt datat 23 ta' Marzu 1987 in atti tan-Nutar Dottor Franco Pellegrini li l-istess attur qiegħed jimpunja fil-fatt ġie ffirmat mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern f'isem il-Gvern ta' Malta;

(3) Illi, ukoll mingħajr ebda preġudizzju għall-premess u fil-mertu, l-eċċipjent b'ebda mod ma kien responsabbli ta' għemil doluż u frawdolenti jew inganni kif allegat mill-attur;

(4) B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat in-Nota ta' l-attur ippreżentata fil-5 ta' Mejju 1989 li biha esebixxa dokumenti;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-31 ta' Mejju 1989 li bih il-konvenut irrinunzja għall-ewwel eċċezzjoni tiegħu u li bih il-partijiet ġew awtorizzati jippreżentaw noti ta' osservazzjonijiet

dwar it-tieni eċċezzjoni u l-kawża ġiet differita għas-sentenza għas-27 ta' Novembru 1989 dwar it-tieni eċċezzjoni;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u senjatament in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur ippreżentata fit-8 ta' Awissu 1989 u dik tal-konvenut ippreżentata fis-6 ta' Ottubru 1989;

Ikkunsidrat:

Illi l-e ċezzjoni in diżamina hija li l-attur mhux leġittimu kontradittur f'din il-kawża stante li l-kuntratt datat 23 ta' Marzu 1987 in Atti Nutar Dottor Franco Pellegrini li l-istess attur qiegħed jimpunja fil-fatt ġie ffirmat mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern f'isem il-Gvern ta' Malta;

It-teżi avvanzata mill-konvenut, in sostenn ta' l-eċċezzjoni tiegħu hija li kull dipartiment tal-Gvern għandu funzjonijiet u responsabbiltajiet partikolari għalih. U kien preċiżament għalhekk illi t-Tabib Prinċipali tal-Gvern deher kif deher fil-kuntratt riferit in vista ta' l-obbligazzjoni ta' assunzjoni ta' impjieg mal-Gvern u ta' operi finanzjarji riżultanti skond dak l-att u li jesorbitaw mill-isfera ta' funzjonijiet u responsabbiltajiet normalment adempiti mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern;

Il-konvenut *"inter alia"* jissottometti wkoll li teżisti n-neċessità li sew għall-finijiet ta' kuntratt simili għal dak li sar bejn l-attur u l-konvenut kif ukoll għall-finijiet ta' kawża li tittratta dwar il-kuntratt għandu jiġi artikolat kif u b'liema mod dak il-kap ta' dipartiment qed jidher u jaġixxi;

L-attur irribatta s-sottomissjonijiet tal-konvenut billi ssottometta *"inter alia"* r-raġunijiet segwenti:

Ma tistax issir distinzjoni bejn dipartiment tal-Gvern u l-Gvern b'mod li jwassal għall-konklużjoni li dipartiment tal-Gvern ma jiffurmax parti mill-Gvern u li meta jaġixxi dan jaġixxi biss fl-interess tiegħu li huwa indipendenti mill-interess tal-Gvern. Il-funzjonijiet tal-Gvern fil-fatt huma distribwiti bejn diversi dipartimenti u Ministeri li kull wieħed minnhom għandu bħala funzjoni l-persegwiment ta' fini determinati;

Dawn id-diversi fini ta' l-amministrazzjoni ta' l-istat jiġu raggruppati skond konnessjoni loġika u l-persegwiment tagħhom ikun affidat lil diversi Ministeri u Dipartimenti. Hekk, per eżempju, il-provvista tal-mezzi finanzjarji neċessarji għall-amministrazzjoni ta' l-Istat hija mogħtija f'idejn il-Ministeru tal-Finanzi u l-Organizzazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa hija mogħtija f'idejn id-Dipartiment tas-Saħħa. Illi kull ma jagħmel il-Gvern li jirrigwarda s-servizzi tas-Saħħa jagħmlu permezz tad-Dipartiment tas-Saħħa. Peress li l-kuntratt li jifforma l-oġġett ta' din il-kawża kien jirrigwarda s-Servizzi tas-Saħħa, huwa loġiku li fuq dak il-kuntratt u fi kwalunkwe azzjonijiet li jirrigwardaw dak il-kuntratt il-Gvern għandu jaġixxi permezz tad-Dipartiment tas-Saħħa kif rappreżentat mill-kap tiegħu t-Tabib Prinċipali tal-Gvern;

L-attur issottometta wkoll li billi l-eċċezzjoni tal-konvenut hija fis-sustanza waħda ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur biex jesperixxi l-azzjoni odjerna u dan stante li qiegħed jiġi allegat li l-kuntratt in kwistjoni sar mill-Gvern u li l-attur għalhekk m'huwiex il-persuna leġittima biex jagħmel il-kawża għan-nom tal-Gvern. L-attur issottometta li minn dan il-lat l-eċċezzjoni tmur espressament kontra d-dispost ta' l-artikolu 786(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jistipula li:

"L-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna li tidher jew tkun konvenuta fl-isem jew fl-interess ta' ħaddieħor ma tistax tingħata kontra l-prokuratur jew l-ekonomu ta' l-Isqof Djoċesan ta' Malta jew ta' l-Isqof t'Għawdex, jew kontra waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafu (a) tas-Subartikolu (1) ta' l-artikolu 180". "Illi l-imsemmi subartikolu 180(1)(a) isemmi, *inter alia* illi: "(a)...kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor". "U għalhekk", kompla jissottometti l-attur, "la darba kawża tkun qed issir fl-interess tal-Gvern minn kap ta' dipartiment, l-eċċezzjoni *ta' l-illeġittimità tal-persuna ma tistax tingħata u* dan *'ex lege'* ";

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mid-Dok. 'D' a fol. 13 li huma fotokopja tal-paġna 269 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Jannar 1987 is-sejħa għall-Applikazzjonijiet għad-Dħul fil-Kors ta' Taħriġ għat-Tekniċi tal-Farmaċija saret mill-attur, it-Tabib Prinċipali tal-Gvern u skkond il-paragrafu (8) ta' l-istess sejħa għall-Applikazzjonijiet, dawk li jikkwalifikaw fl-Eżami Finali jkunu eliġibbli għan-nomina ta' Tekniku tal-Farmaċija mad-Dipartiment tas-Saħħa meta joħolqu 'l-vakanzi, skond l-ordni tal-mertu miksub fl-Eżami Finali;

Fil-fehma tal-Qorti l-mertu ta' din il-kawża jidħol fil-mansjonijiet ta' l-attur bħala kap tad-Dipartiment tas-Saħħa u kien proprju għalhekk li l-attur ġie awtorizzat biex jidher hu fuq l-att pubbliku li qed jiġi mpunjat b'din l-azzjoni. Hekk ukoll il-kawża odjerna li tirrigwarda l-istess kuntratt għandha tiġi esperita mill-attur billi kull ma jagħmel il-Gvern li jirrigwarda s-servizz tas-saħħa, dan jagħmlu permezz tad-Dipartiment tas-Saħħa li tiegħu l-attur huwa l-kap. M'hemmx dubbju li l-

farmaċija bħala formanti parti mix-xjenza medika hija ta' pertinenza tad-Dipartiment tas-Saħħa u li għalhekk id-Dipartiment tas-Saħħa huwa d-Dipartiment li waqt li dejjem naturalment qed jaġixxi għall-Gvern, għandu interess u huwa l-iżjed edott mill-fatti u għalhekk l-iżjed idoneju biex jaġixxi f'isem il-Gvern ta' Malta fuq il-mertu tal-kawża odjerna;

Illi fil-fehma tal-Qorti hija bbażata s-sottomissjoni ta' l-attur li peress li l-eċċezzjoni in diżamina tammonta għall-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur li tidher f'isem il-Gvern ta' Malta hija inammissibbli in vista tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 786(1) u 180(1) tal-Kap. 12 fuq ċitati;

Għal dawn il-motivi ssib li t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u hija inoltre inammissibbli proċeduralment, konsegwentement tiddeċidi billi tiċħad l-istess eċċezzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Il-Qorti tordna li l-kawża tiġi differita għall-kontinwazzjoni għall-24 ta' April 1990.